IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 25.9.2012
COM(2012) 551 final

2011/0288 (COD)

Emenda għall-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 628 finali/2 għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni

MT MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-adeżjoni tal-Kroazja fl-UE hija skedata għall-1 ta' Lulju 2013. Għalkemm l-Att ta' Adeżjoni[1] għadu ma ġiex irratifikat mill-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni dan l-aħħar aġġornat il-proposti tagħha tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali[2] fid-dawl tal-adeżjoni tal-Kroazja. Eżerċizzju ta' aġġustament simili għandu jitħejja għall-proposti ta' riforma tal-PAK, biex jiġi żgurat li ladarba jkunu adottati, il-Kroazja tkun koperta bis-sħiħ bħala Stat Membru ġdid.

Fid-19 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha COM(2011) 628 finali/2 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni. Skont il-premessa (70) ta' dik il-proposta, l-adozzjoni ta' regoli ġodda dwar il-pubblikazzjoni ta' tagħrif dwar benefiċjarji tal-fondi agrikoli Ewropej li jqisu s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Każijiet Konġunti C-92/09 u C-93/09[3] għandhom jiġu pprecéduti minn analiżi u valutazzjoni fil-fond mill-Kummissjoni, bil-għan li jinstab l-iktar mod xieraq biex jiġu rrikonċiljat id-dritt tal-protezzjoni tad-dejta personali tal-benefiċjarji mal-ħtieġa ta' trasparenza. Fl-istennija ta' tali analiżi u valutazzjoni, ir-regoli attwali dwar it-trasparenza fis-settur agrikolu għandhom jibqgħu fis-seħħ. Wara li saru l-analiżi u l-valutazzjoni msemmija, il-Kummissjoni tinsab lesta li tipproponi dispożizzjonijiet ġodda f'dan il-qasam.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Fir-rigward tal-Kroazja, ma kienx hemm il-ħtieġa għal konsultazzjoni mal-partijiet interessati jew ta' valutazzjoni tal-impatt, billi dawn l-aġġustamenti huma b'segwitu għall-Att ta' Adeżjoni.

F'Settembru 2011, is-servizzi tal-Kummissjoni organizzaw konsultazzjoni mal-partijiet interessati, li kienet tiġbor rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet professjonali agrikoli jew kummerċjali, rappreżentanti tal-industrija tal-ikel u tal-ħaddiema, kif ukoll tas-soċjetà ċivili u istituzzjonijiet tal-UE. F'dan il-qafas, tressqu għażliet possibbli differenti fir-rigward tal-pubblikazzjoni tad-dejta ta' persuni fiżiċi li jibbenefikaw minn fondi agrikoli tal-UE, kif ukoll fir-rigward tar-rispett tal-proporzjonalità fil-pubblikazzjoni tat-tagħrif ikkonċernat. Mill-konferenza mal-partijiet interessati ħareġ fid-dieher li l-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-persuni fiżiċi hija meħtieġa għall-għan ta' protezzjoni aħjar tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, għat-titjib tat-trasparenza, u biex jiġu ssottolinjati l-kisbiet tal-benefiċjarji fil-forniment tagħhom ta' beni pubbliċi, filwaqt li jiġi żgurat li dan ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-kisba ta' dawn l-għanijiet leġittimi.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-aġġustament se jieħu l-forma ta' emenda għall-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 628 finali/2 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-

1 ĠU L 112 tal-24 ta' April 2012.
2 COM(2012) 388 tas-6 ta' Lulju 2012.
3 Każi konġunti C-92/09 u C-93/09, *Volker und Markus Schecke GbR* u *Hartmut Eifert/Land Hessen*, [2010], Ġabra I-000.

finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni, sabiex jiġu inklużi fil-proposta:

1. Id-dispożizzjonijiet marbutin mal-kundizzjonalità li diġà jinsabu fit-Trattat ta' Adeżjoni għall-Kroazja. Il-bidliet ewlenin huma relatati mal-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar:

- id-data tal-applikazzjoni tal-penali fil-Kroazja;
- il-preżervazzjoni ta' artijiet b'ħaxix permanenti.

2. Regoli ġodda dwar il-pubblikazzjoni ta' tagħrif dwar il-benefiċjarji kollha tal-fondi agrikoli Ewropej, li jqisu l-oġġezzjonijiet ifformulati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Każi Konġunti C-92/09 and C-93/09 kontra r-regoli preċedenti, sal-punt li kienu applikabbli għal persuni fiżiċi. Ir-regoli l-ġodda se jkunu differenti minn dawk iddikjarati invalidi mill-Qorti fil-Każi Konġunti msemmija, billi:

- jissejsu fuq ġustifikazzjoni ddettaljata riveduta, iffukata fuq il-ħtieġa ta' kontroll pubbliku tal-użu tal-fondi agrikoli Ewropej, bil-għan li jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;
- jirrikjedu li jingħata tagħrif iktar iddettaljat dwar in-natura u d-deskrizzjoni tal-miżuri li għalihom ġew żborżati l-fondi;
- jinkludu limitu *de minimis* li taħtu l-isem tal-benefiċjarju ma jiġix ippubblikat.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

L-emenda ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja, għajr dawk diġà stabbiliti fil-memorandum ta' spjegazzjoni għall-proposti aġġornati għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

2011/0288 (COD)

Emenda għall-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 628 finali/2 għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni

Il-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 628 finali/2 hija emendata kif ġej:

(1) Il-premessa (70) tinbidel bil-premessi li ġejjin:

"(70) Fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Novembru 2010 fil-Każijiet Konġunti C-92/09 u 93/09*, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddikjarat invalidi l-punt (8b) tal-Artikolu 42 u l-Artikolu 44a tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 259/2008 tat-18 ta' Marzu 2008 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 rigward il-pubblikazzjoni ta' tagħrif dwar il-benefiċjarji tal-fondi ġejjin mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)**, **billi, fir-rigward ta'** persuni fiżiċi li jibbenefikaw mill-fondi agrikoli Ewropej, **dawk id-dispożizzjonijiet jimponu obbligu li tiġi ppubblikata dejta personali dwar kull benefiċjarju mingħajr ma jagħmlu distinzjoni msejsa fuq kriterji rilevanti, bħall-perjodi li tulhom dawk il-persuni rċevew tali għajnuna, il-frekwenza ta' tali għajnuna, jew in-natura u l-ammont tagħhom**.

(70a) B'segwitu għal dik is-sentenza, u fl-istennija tal-adozzjoni ta' regoli ġodda li jqisu l-oġġezzjonijiet espressi mill-Qorti, ir-Regolament (KE) Nru 259/2008 ġie emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 410/2011*** sabiex jiġi stipulat b'mod espliċitu li l-obbligu tal-pubblikazzjoni tat-tagħrif dwar il-benefiċjarji ma japplikax għal persuni naturali.

(70b) F'Settembru 2011, il-Kummissjoni organizzat konsultazzjoni mal-partijiet interessati, li ġabret rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet professjonali agrikoli jew kummerċjali, rappreżentanti tal-industrija tal-ikel u l-ħaddiema fl-istess settur, kif ukoll rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. F'dak il-qafas, ġew suġġeriti għażliet differenti possibbli fir-rigward tal-pubblikazzjoni ta' dejta dwar persuni naturali li jibbenefikaw minn fondi agrikoli tal-Unjoni, kif ukoll dwar ir-rispett għall-proporzjonalità meta t-tagħrif ikkonċernat jiġi ppubblikat. Il-konferenza tal-partijiet interessati ddiskutiet il-bżonn potenzjali għall-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-persuni naturali, fit-triq lejn l-għan ta' ħarsien aħjar tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, għat-titjib tat-trasparenza, u għall-enfasizzar tal-kisbiet tal-benefiċjarji fil-forniment ta' beni pubbliċi; fl-istess ħin, għandu jiġi żgurat li tal-pubblikazzjoni ma tmurx lil hinn minn dak li jkun meħtieġ biex jinkisbu dawn l-għanijiet leġittimi.

(70c) Fis-sentenza tagħha, il-Qorti ma sfidatx il-leġittimità tal-għan li jissaħħaħ il-kontroll pubbliku tal-użu tal-flus mill-FAER u mill-FAEŻR. Dan il-għan għandu jiġi analizzat fid-dawl tal-qafas ġdid ta' ġestjoni finanzjarja u ta' kontroll li għandu jiġi applikat mill-1 ta' Jannar 2014. Fil-kuntest ta' dan il-qafas, il-kontrolli mill-amministrazzjonijiet nazzjonali ma jistgħux ikunu eżawrjenti, u b'mod partikulari, għall-iskemi kważi kollha, parti limitata biss

mill-popolazzjoni tista' tiġi vverifikata fuq il-post. Żieda fir-rati minimi ta' kontroll lil hinn mil-livelli li bħalissa jiġu applikati, f'dan il-kuntest kieku tpoġġi wisq piż finanzjarju u amminstrattiv addizzjonali fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali, u ma tkunx kosteffettiva. Barra minn dan, il-qafas ġdid jipprovdi li, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-għadd ta' verifiki fuq il-post. F'dan l-isfond, il-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-benefiċjarji tal-fondi agrikoli ssaħħaħ il-kontroll pubbliku tal-użu ta' dawk il-fondi, u għaldaqstant, hija żieda siewja għall-qafas eżistenti tal-ġestjoni u tal-kontroll, li hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat livell xieraq ta' ħarsien tal-interess finanzjarju tal-Unjoni. L-awtoritajiet nazzjonali, filwaqt li japplikaw ir-regoli ġodda li jissemplifikaw il-proċess amministrattiv tal-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni u jnaqqsu l-kostijiet amministrattivi, għandu jkollhom il-possibbiltà li jistrieħu fuq il-kontroll pubbliku, b'mod speċifiku permezz tal-effett preventiv u diżwassiv tiegħu kontra l-frodi jew kwalunwke abbuż tal-fondi pubbliċi, billi jiskoraġġixxu l-benefiċjarji individwali milli jwettqu mġiba mhux xierqa.

(70d) L-għan tal-kontroll pubbliku tal-użu tal-flus mill-FAEG u mill-FAEŻR, imfittex bil-pubblikazzjoni tal-benefiċjarji, jista' jinkiseb biss billi jiġi żgurat ċertu livell ta' tagħrif li għandu jitwassal għall-għarfien tal-pubbliku. Dak it-tagħrif għandu jkopri dejta dwar l-identità tal-benefiċjarju, l-ammont mogħti u fil-kuntest ta' liema fondi, l-għan u n-natura tal-miżura kkonċernata. Il-pubblikazzjoni ta' dak it-tagħrif għandha ssir b'tali mod li tikkaġuna inqas interferenza mad-dritt tal-benefiċjarji li l-ħajja privata tagħhom tiġi rispettata b'mod ġenerali, u li titħares partikularment id-dejta personali tagħhom, u d-drittijiet rikonoxxuti mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea.

(70e) Il-pubblikazzjoni ta' dettalji dwar il-miżura li tippermetti lill-bidwi jirċievi l-għajnuna, in-natura u l-għan tal-għajnuna, ikunu jipprovdu għarfien konkret lill-pubbliku dwar l-attività sussidjata u l-għan li għalih ingħata tali sussidju. Dan ikun jikkontribwixxi għall-effett preventiv u diżwassiv tal-kontroll pubbliku, għall-ħarsien tal-interess finanzjarju.

(70f) Sabiex jiġi rispettat bilanċ bejn l-għan imfittex tal-kontroll pubbliku tal-użu tal-flus mill-FAEG u mill-FAEŻR, fuq naħa, u bejn id-dritt tal-benefiċjarji li tiġi rispettata l-ħajja privata tagħhom, b'mod ġenerali, u li titħares id-dejta personali tagħhom, fuq in-naħa l-oħra, għandha titqies l-importanza tal-għajnuna. Wara l-analiżi fil-fond u l-konsultazzjoni mal-partijiet interessati, ħareġ fid-dieher li sabiex tissaħħaħ l-effettività ta' tali pubblikazzjoni, u sabiex tiġi limitata l-interferenza mad-drittijiet tal-benefiċjarji, għandu jiġi stabbilit livell minimu fir-rigward tal-ammont tal-għajnuna riċevut, li taħtu ma jiġix ippubblikat isem il-benefiċjarju.

(70g) Dan il-limitu minimu għandu jirrifletti u jissejjes fuq il-livell tal-iskema ta' għajnuna stabbiliti fil-qafas tal-PAK. Billi l-istrutturi tal-ekonomiji agrikoli tal-Istati Membri jvarjaw b'mod konsiderevoli u jistgħu jkunu differenti ferm mill-istruttura ta' azjenda agrikola medja fl-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jitħallew japplikaw livelli ta' limitu minimi li jirriflettu l-qagħda partikolari tagħhom. Ir-Regolament xxx/xxx [DP] jistipula skema sempliċi u speċifika għall-azjendi agrikoli ż-żgħar. L-Artikolu 49 ta' dak ir-Regolament jistipula kriterji għall-kalkolu tal-ammont tal-għajnuna. Għall-finijiet ta' konsistenza,

dawk il-kriterji għandhom jintużaw ukoll għall-iffissar ta' limiti minimi speċifiċi għal kull Stat Membru, għall-pubblikazzjoni ta' isem benefiċjarju. Għajr għall-isem, taħt dak il-livell minimu speċifiku, il-pubblikazzjoni għandu jkun fiha t-tagħrif rilevanti kollu, bil-għan li min iħallas it-taxxa jkollu aċċess għal stampa preċiża tal-PAK.

(70h) Barra minn hekk, billi dan it-tagħrif isir aċċessibbli għall-pubbliku, titjieb it-trasparenza fir-rigward tal-użu tal-fondi tal-Unjoni fil-PAK, u b'hekk isir kontribut lejn il-viżibbiltà u l-fehim aħjar tal-istess politika. It-trasparenza tgħin liċ-ċittadini jieħdu sehem b'mod aktar mill-qrib fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, u tiggarantixxi li l-amministrazzjoni tgawdi minn leġittimità akbar, u tkun aktar effettiva u responsabbli fir-rigward taċ-ċittadin. Dan ikun jgħin ukoll biex in-nies lokali jixhdu eżempji konkreti tal-forniment ta' "beni pubbliċi" permezz tal-biedja, u jissottolinja l-leġittimità tal-għajnuna mill-istat għas-settur agrikolu. Barra minn hekk, tissaħħaħ ir-responsabbiltà personali tal-bdiewa fl-użu tal-fondi pubbliċi li jirċievu.

(70i) Fid-dawl tal-piż jagħfas tal-għan imfittex tal-kontroll pubbliku tal-użu tal-flus mill-FAEG u mill-FAEŻR, huwa ġġustifikat, fir-rigward tal-prinċipju tal-proporzjonalità u r-rekwiżit ta' ħarsien tad-dejta personali, li tiġi pprovduta l-pubblikazzjoni ġenerali tat-tagħrif rilevanti, billi dan ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ f'soċjetà demokratika u f'dak li huwa meħtieġ għall-ħarsien tal-interess finanzjarju tal-Unjoni.

(70j) Għall-konformità mar-rekwiżiti tal-ħarsien tad-dejta, il-benefiċjarji tal-Fondi għandhom ikunu infurmati bil-pubblikazzjoni tad-dejta tagħhom, kif ukoll bil-fatt li d-dejta tagħhom tista' tiġi pproċessata minn korpi tal-awditjar u tal-investigazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri, sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni qabel ma ssir il-pubblikazzjoni. Barra minn hekk, il-benefiċjarji għandhom ikunu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva 95/46/KE, kif ukoll dwar il-proċeduri applikabbli għall-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet.

(70k) B'konsegwenza ta' dan, wara analiżi u valutazzjoni fil-fond tal-iktar mod xieraq biex jiġi osservat id-dritt għall-ħarsien tad-dejta personali tal-benefiċjarji, għandhom jiġu stabbiliti regoli ġodda dwar il-pubblikazzjoni ta' tagħrif dwar il-benefiċjarji kollha tal-Fondi agrikoli.

* Sentenza fil-Każi konġunti C-92/09 u C-93/09, *Volker und Markus Schecke GbR* u *Hartmut Eifert/Land Hessen*, [2010] Ġabra I-0000

** ĠU *L 76, 19.3.2008, p. 28.*

*** ĠU L 108, 28.4.2011, p. 24."

(2) Fl-Artikolu 93, is-sentenza li ġejja tiżdied fi tmiem il-ħames paragrafu:

"Il-Kroazja għandha tiżgura li l-art li kienet taħt mergħa permanenti fl-1 ta' Lulju 2013 tinżamm bħala mergħa permanenti fi ħdan limiti ddefiniti."

(3) L-Artikolu 98 jinbidel b'li ġej:

"Artikolu 98
Applikazzjoni tal-penali fil-Bulgarija, fil-Kroazja u fir-Rumanija

Għall-Bulgarija u r-Rumanija, il-penali msemmija fl-Artikolu 91 għandhom jiġu applikati mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2016 fir-rigward tar-rekwiżiti statutorji ta' mmaniġġjar fil-qasam tat-trattament xieraq tal-annimali msemmi fl-Anness II.

Għall-Kroazja, il-penali msemmija fl-Artikolu 91 għandhom jiġu applikati skont l-iskeda ta' żmien li ġejja fir-rigward tar-rekwiżiti statutorji ta' mmaniġġjar (SMR) imsemmija fl-Anness II:

(a) mill-1 ta' Jannar 2014 għal SMR 1 u SMR 3;

(b) mill-1 ta' Jannar 2016 għal SMR 4 u SMR 10;

(c) mill-1 ta' Jannar 2018 għal SMR 11 u SMR 13."

(4) Fit-Titolu VII, jiżdied il-Kapitolu li ġej:

"Kapitolu IV
Trasparenza

Artikolu 110a
Il-pubblikazzjoni tal-benefiċjarji

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-pubblikazzjoni annwali *ex post* tal-benefiċjarji tal-FAEG u tal-FAEŻR. Il-pubblikazzjoni għandu jkun fiha:

   (a) mingħajr ħsara għall-ewwel paragrafu tal-Artikolu 110b ta' dan ir-Regolament, isem il-benefiċjarji, kif ġej:

      (i) l-isem u l-kunjom fejn il-benefiċjarji huma persuni naturali;

      (ii) l-isem legali sħiħ, hekk kif ġie rreġistrat, meta l-benefiċjarji jkunu persuni ġuridiċi li jkollhom personalità ġuridika awtonoma skont il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat;

      (iii) l-isem sħiħ tal-assoċjazzjoni kif ġiet irreġistrata jew inkella rikonoxxuta uffiċjalment, fejn il-benefiċjarji jkunu assoċjazzjonijiet mingħajr personalità ġuridika;

   (b) il-muniċipalità fejn joqgħod il-benefiċjarju jew fejn huwa rreġistrat u, fejn ikun disponibbli, il-kodiċi postali jew il-parti fih li tidentifika l-muniċipalità;

   (c) l-ammonti ta' ħlas li jikkorrispondu għal kull miżura ffinanzjata mill-FAEG u mill-FAEŻR irċevuti minn kull benefiċjarju fis-sena finanzjarja kkonċernata;

(d) in-natura u d-deskrizzjoni tal-miżuri ffinanzjati mill-FAEG jew mill-FAEŻR, u li skonthom ingħata l-pagament imsemmi fil-punt (c).

It-tagħrif imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jsir disponibbli fuq websajt wieħed għal kull Stat Membru. Għandu jibqa' disponibbli għal sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni inizjali.

2. F'dak li jirrigwarda l-pagamenti li jikkorrispondu għall-miżuri ffinanzjati mill-FAEŻR kif imsemmi fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-ammonti li għandhom jiġu ppubblikati għandhom jikkorrispondu mal-finanzjament pubbliku totali, inklużi kemm il-kontribut tal-Unjoni u kemm dak nazzjonali.

Artikolu 110b
Limitu minimu

Fejn l-ammont ta' għajnuna rċevuta f'sena minn benefiċjarju jkun daqs jew inqas mill-ammont stipulat minn Stat Membru skont l-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru DP/xxx, dak l-Istat Membru ma għandux jippubblika isem dak il-benefiċjarju, kif inhu pprovdut fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 110a(1) ta' dan ir-Regolament.

L-ammonti stipulati minn Stat Membru skont l-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru DP/xxx u nnotifikati lill-Kummissjoni skont dak ir-Regolament għandhom jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni skont ir-regoli adottati taħt l-Artikolu 110d.

Fejn japplika l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw it-tagħrif imsemmi fil-punti (b), (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 110a(1), u l-benefiċjarju għandu jkun identifikat b'kodiċi. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar il-forma ta' dak il-kodiċi.

Artikolu 110c
Tagħrif dwar il-benefiċjarji

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-benefiċjarji li d-dejta tagħhom se ssir pubblika skont l-Artikolu 110a, kif ukoll li l-istess dejta personali tista' tiġi pproċessata minn korpi tal-awditjar u investigattivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri, sabiex jissalvagwardjaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 95/46/KE, f'dak li jirrigwarda d-dejta personali, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-benefiċjarji bid-drittijiet tagħhom skont ir-regoli dwar il-ħarsien tad-dejta personali, kif ukoll bil-proċeduri applikabbli għall-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet.

Artikolu 110d
Setgħat tal-Kummissjoni

Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistipula regoli:

(a) dwar il-forma, inkluż il-mod ta' preżentazzjoni skont il-miżura, u l-kalendarju tal-pubblikazzjoni prevista fl-Artikoli 110a u 110b;

(b) dwar l-applikazzjoni uniformi tal-Artikolu 110c;

(c) dwar il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 112(3)."

(5) Fl-Artikolu 113(1), it-tieni subparagrafu jitħassar.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

- - Emenda għall-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 625 finali/3 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-Politika Agrikola Komuni; - - Emenda għall-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 626 finali/3 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq ta' prodotti agrikoli (Regolament dwar l-OKS Unika); - Emenda għall-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 627 finali/3 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR); - Emenda għall-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 628 finali/2 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni.

1.2. Il-qasam / l-oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB[4]

Titolu tal-Qasam ta' Politika 05 tal-Intestatura 2

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva (Qafas leġiżlattiv għall-PAK wara l-2013)

x Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[5]

x Il-proposta/inizjattiva hija relatata **ma' estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

x Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ridirezzjonata lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għanijiet

1.4.1. Għan jew għanijiet strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta / inizjattiva

Sabiex jitħeġġeġ l-użu effiċjenti tar-riżorsi bil-għan li jkun hemm tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv għall-iżvilupp agrikolu u rurali tal-UE skont l-Istrateġija Ewropa 2020, l-għanijiet tal-PAK huma: - Produzzjoni vjabbli tal-ikel;

4 ABM: Activity-Based Management (Ġestjoni bbażata fuq l-attività) – ABB: Activity-Based Budgeting (Ibbaġitjar Skont l-Attività).

5 Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

- Ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u azzjoni kontra t-tibdil fil-klima; - Żvilupp territorjali bbilanċjat.

1.4.2. Għan jew għanijiet speċifiċi u l-attività jew l-attivitajiet ABM/ABB kkonċernati

Għanijiet speċifiċi għall-Qasam ta' Politika 05: Għan speċifiku Nru 1: Li jkunu pprovduti beni pubbliċi ambjentali Għan speċifiku Nru 2: Li jkun hemm kumpens għad-diffikultajiet fil-produzzjoni f'żoni b'limitazzjonijiet naturali speċifiċi Għan speċifiku Nru 3: Li jitkomplew il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-azzjonijiet ta' adattament Għan speċifiku Nru 4: Li l-baġit tal-UE (PAK) ikun ġestit skont standards għoljin ta' ġestjoni finanzjarja **Għan speċifiku għall-ABB 05 02 – Intervenzjonijiet fis-swieq agrikoli:** Għan speċifiku Nru 5: Li titjieb il-kompetittività tal-qasam agrikolu u jissaħħaħ is-sehem tal-valur tagħha fil-katina alimentari **Għan speċifiku għall-ABB 05 03 – Għajnuniet diretti:** Għan speċifiku Nru 6: Li jkun hemm kontribuzzjoni għall-introjtu agrikolu u tkun limitata l-varjabbiltà tiegħu **Għan speċifiku għall-ABB 05 04 – Żvilupp Rurali:** Għan speċifiku Nru 7: Li jitrawwem it-tkabbir ekoloġiku permezz tal-innovazzjoni Għan speċifiku Nru 8: Li jkun appoġġjat l-impjegar rurali u li tinżamm il-fibra soċjali taż-żoni rurali

Għan speċifiku Nru 9

Li tittejjeb l-ekonomija rurali u tkun imħeġġa d-diversifikazzjoni

Għan speċifiku Nru s10

Li jkun hemm lok għal diversità strutturali fis-sistemi tal-biedja

1.4.3. Ir-riżultat(i) u l- impatt mistennija

F'dan l-istadju mhuwiex possibbli li jiġu stabbiliti miri kwantititattivi għall-indikaturi tal-impatt. Għalkemm il-politika tista' timxi f'ċerta direzzjoni, l-eżiti ekonomiċi, ambjentali u soċjali kumplessivi mkejla minn indikaturi bħal dawn, fl-aħħar mill-aħħar jiddependu wkoll fuq l-impatt ta' firxa ta' fatturi esterni, li hekk kif turi esperjenza riċenti, dawn saru sinifikanti u mhux prevedibbli. Għada qed issir analiżi ulterjuri, li għandha tkun lesta fil-perjodu wara l-2013.

Fir-rigward tal-pagamenti diretti, l-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li jiddeċiedu, sa ċertu punt, dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti komponenti tal-iskemi ta' pagamenti diretti.

Fir-rigward tal-iżvilupp rurali, ir-riżultati u l-impatt mistennija se jiddependu fuq il-programmi ta' żvilupp rurali li l-Istati Membri se jressqu lill-Kummissjoni. L-Istati Membri se jkunu mitluba jistabbilixxu miri fil-programmi tagħhom.

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatt

Il-proposti jipprovdu għat-twaqqif ta' qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni bl-għan li jitkejlu r-riżultati tal-Politika Agrikola Komuni. Dak il-qafas għandu jinkludi l-istrumenti kollha marbuta mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-miżuri tal-PAK u b'mod partikolari tal-pagamenti diretti, tal-miżuri tas-suq, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali kif ukoll tal-applikazzjoni tal-kundizzjonalità.

L-impatt ta' dawn il-miżuri tal-PAK għandhom jitkejlu b'rabta mal-għanijiet li ġejjin:

(a) produzzjoni vijabbli tal-ikel, b'enfasi fuq l-introjtu agrikolu, il-produttività agrikola u l-istabbiltà tal-prezz;

(b) ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-azzjoni klimatika, b'enfasi fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-bijodiversità, il-ħamrija u l-ilma;

(c) żvilupp territorjali bbilanċjat, b'enfasi fuq l-impjieg rurali, it-tkabbir u l-faqar fiż-żoni rurali.

Permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi s-sett ta' indikaturi li huma speċifiċi għal dawn l-għanijiet u l-oqsma.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-iżvilupp rurali, qed tiġi proposta sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni komuni msaħħa. Dik is-sistema għandha l-għan (a) li turi l-progress u l-kisbiet tal-politika tal-iżvilupp rurali u tivvaluta l-impatt, l-effettività, l-effiċjenza u r-relevanza tal-interventi tal-politika tal-iżvilupp rurali, (b)li tikkontribwixxi biex ikun hemm appoġġ immirat aħjar lejn l-iżvilupp rurali, u (c) li tappoġġja proċess komuni ta' tagħlim marbut mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, lista ta' indikaturi komuni marbuta mal-prijoritajiet tal-politika

1.5. Bażi għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi pluriennali tal-PAK li huma l-istess bħalma hemm imniżżel fl-istrateġija Ewropa 2020 għaż-żoni rurali Ewropej u li jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tat-Trattat, il-proposti, kif emendati biex iqisu l-Adeżjoni tal-Kroazja, għandhom l-għan li jistabbilixxu l-qafas leġiżlattiv tal-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu wara l-2013.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

Il-PAK futura mhux biss se tkun politika li taħseb għal parti żgħira, iżda essenzjali tal-ekonomija tal-UE, iżda wkoll politika ta' importanza strateġika għas-sigurtà tal-ikel, l-ambjent u l-bilanċ territorjali. Għaldaqstant il-PAK, bħala politika tassew komuni, tuża bl-aktar mod effiċjenti r-riżorsi limitati tal-baġit billi żżomm agrikoltura sostenibbli fl-UE kollha, tindirizza kwistjonijiet transkonfinali importanti bħat-tibdil fil-klima u ssaħħaħ is-solidarjetà fost l-Istati Membri.

Kif hemm imsemmi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Baġit għall-Ewropa 2020"[6], il-PAK hija politika ġenwinament Ewropea. Minflok iħaddmu 28 politika u baġit agrikoli differenti, l-Istati Membri jikkondividu r-riżorsi sabiex joperaw politika Ewropea unika b'baġit Ewropew uniku. Naturalment dan ifisser li proporzjon sinifikanti mill-baġit tal-UE jiġi allokat għall-PAK. Madankollu, dan l-approċċ huwa kemm aktar effiċjenti kif ukoll aktar ekonomiku minn approċċ nazzjonali mhux ikkoordinat.

1.5.3. Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Abbażi tal-evalwazzjoni tal-qafas politiku attwali, ta' konsultazzjoni estensiva mal-partijiet interessati kif ukoll ta' analiżi tal-isfidi u l-ħtiġijiet futuri, twettqet valutazzjoni komprensiva tal-impatt. Aktar dettalji jinstabu fil-valutazzjoni tal-impatt u fil-memorandum ta' spjegazzjoni li jakkumpanjaw il-proposti legali.

1.5.4. Il-koerenza u s-sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħra

Il-proposti leġiżlattivi kkonċernati minn din id-dikjarazzjoni finanzjarja għandhom ikunu kkunsidrati fil-kuntest l-aktar wiesa' tal-proposta għal regolament ta' qafas uniku b'regoli komuni għall-fondi tal-qafas strateġiku komuni (il-FAEŻR, il-FEŻR, l-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni u l-EMFF). Dak ir-regolament qafas se jagħti kontribut importanti sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, sabiex il-fondi tal-UE jintefqu b'mod effettiv u sabiex isseħħ is-simplifikazzjoni fil-prattika. Dan isostni wkoll il-kunċetti ġodda tal-qafas strateġiku komuni għal dawn il-fondi kollha u l-Kuntratti ta' Sħubija li ġejjin li wkoll se jkopru dawn il-fondi.

Il-qafas strateġiku komuni li se jiġi stabbilit se jsarraf l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 fi prijoritajiet għall-FAEŻR flimkien mal-FEŻR, l-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni u l-EMFF. Dan għandu jiżgura l-użu integrat tal-fondi, u jwassal għall-ilħiq ta' għanijiet komuni.

Il-qafas strateġiku komuni ser jistabbilixxi wkoll mekkaniżmi ta' koordinazzjoni ma' politiki u strumenti rilevanti oħrajn tal-Unjoni.

---

6 COM(2011) 500 finali tat-29 ta' Ġunju 2011.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-PAK, għandhom jinkisbu sinerġiji sinifikanti u effetti tas-simplifikazzjoni permezz tal-armonizzazzjoni u l-allinjament tar-regoli tal-ġestjoni u kontroll għall-ewwel (FAEG) u t-tieni (FAEŻR) pilastru tal-PAK. Ir-rabta b'saħħita bejn il-FAEG u l-FAEŻR għandha tinżamm u l-istrutturi li diġà qedgħin fis-seħħ mill-Istati Membri għandhom jinżammu.

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

x Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat (għal abbozzi ta' regolamenti dwar skemi ta' pagamenti diretti, żvilupp rurali u regolamenti tranżizzjonali)**

– x Proposta / inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2014 sal-31/12/2020

– x Impatt finanzjarju għall–perjodu tal-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss. Għall-iżvilupp rurali, impatt fuq il-pagamenti sal-2023.

x Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien mhux limitat (għall-abbozz ta' regolament dwar l-OKS Unika u r-regolament orizzontali)**

– Implimentazzjoni mill-2014.

1.7. Il-metodu / metodi ta' ġestjoni previst(i)[7]

x **Ġestjoni ċentralizzata diretta** mill-Kummissjoni

☐ **Ġestjoni ċentralizzata indiretta** b'delega tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☐ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet[8]

– ☐ korpi nazzjonali mis-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

x **Ġestjoni maqsuma** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali ***(trid tiġi speċifikata)***

---

7 Id-dettalji dwar il-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit tal-internet tal-baġit (BudgWeb) li ġej: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

8 Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

Kummenti

Mhemmx tibdil sostantiv meta mqabbel mas-sitwazzjoni preżenti, jiġifieri l-maġġoranza tan-nefqa kkonċernata mill-proposti leġiżlattivi dwar ir-riforma tal-PAK se tkun ġestita mill-ġestjoni flimkien mal-Istati Membri. Madankollu, parti ferm żgħira se tkompli taqa' taħt il-ġestjoni ċentralizzata diretta mill-Kummissjoni.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

F'termini ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-PAK, il-Kummissjoni se tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull 4 snin. Il-preżentazzjoni tal-ewwel rapport għandha ssir mhux aktar tard minn tmiem l-2017.

Dan huwa kkumplimentat minn dispożizzjonijiet speċifiċi fl-oqsma kollha tal-PAK, b'diversi rekwiżiti ta' rappurtar u notifikazzjonijiet komprensivi li għandhom ikunu speċifikati fir-regoli ta' implimentazzjoni.

Fir-rigward tal-iżvilupp rurali, hemm ukoll ipprovduti regoli għall-monitoraġġ fuq il-livell tal-programm, li se jkun konformi mal-fondi l-oħrajn u abbinat mal-evalwazzjonijiet ex ante, dawk kontinwi u l-evalwazzjonijiet ex post.

2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Hemm aktar minn seba' miljun benefiċjarju tal-PAK, li jirċievu appoġġ fil-kuntest ta' varjetà kbira ta' skemi ta' għajnuna differenti, li kull waħda minnhom ikollha kriterji ta' eliġibbiltà ddettaljati u xi drabi kumplessi.

It-tnaqqis fir-rata ta' żbalji fil-qasam tal-politika agrikola komuni diġà jista' jitqies bħala xejra. Għaldaqstant, dan l-aħħar, rata ta' żball li tqarreb it-2 % tikkonferma l-valutazzjoni kumplessivament pożittiva għas-snin ta' qabel. L-intenzjoni hija li l-isforzi jissuktaw sabiex tinkiseb rata ta' żball taħt it-2 %.

2.2.2. Metodu/i ta' kontroll previst(i)

Il-pakkett leġiżlattiv, b'mod partikolari l-proposta għar-regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni, għandha l-għan li żżomm u ssaħħaħ is-sistema attwali stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1290/2005. Jipprovdi għal struttura amministrattiva obbligatorja fil-livell tal-Istat Membru, iffukat madwar l-aġenziji tal-pagamenti akkreditati, li huma responsabbli għat-twettiq tal-kontrolli fil-livell tal-benefiċjarju finali skont il-prinċipji stabbiliti fil-punt 2.3. Kull sena, il-kap ta' kull aġenzija tal-pagamenti huwa mitlub jipprovdi dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni li tkopri l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet, il-funzjonament xieraq tas-sistemi interni ta' kontroll u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. Huwa meħtieġ korp ta' awditjar indipendenti sabiex jipprovdi opinjoni dwar dawn it-tliet elementi.

Il-Kummissjoni se tkompli tagħmel awditjar tan-nefqa agrikola, billi tuża approċċ ibbażat fuq ir-riskju sabiex tiżgura li l-eżerċizzji tal-awditjar huma mmirati lejn dawk l-oqsma bl-akbar

riskju. Fejn dawn l-eżerċizzji tal-awditjar juru li n-nefqa tkun saret bi ksur tar-regoli tal-Unjoni, il-Kummissjoni se teskludi l-ammonti kkonċernati mill-finanzjament tal-Unjoni skont is-sistema ta' approvazzjoni tal-konformità.

Fir-rigward tal-ispiża tal-kontrolli, qed tkun ipprovduta analiżi ddettaljata fl-Anness 8 għall-valutazzjoni ta' impatt li takkumpanja l-proposti leġiżlattivi.

Barra minn hekk, il-pubblikazzjoni ta’ tagħrif dwar il-benefiċjarji tal-FAEG u tal-FAEŻR se ssaħħaħ il-kontroll pubbliku tal-użu tal-flus, u se tikkontribwixxi għall-viżibbiltà u l-fehim aħjar tal-PAK.

2.3. Il-miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

Il-pakkett leġiżlattiv, b'mod partikolari l-proposta għar-regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni, għandu l-għan li jżomm u jsaħħaħ is-sistemi dettaljati attwali għall-kontrolli u penalitajiet li għandhom jiġu applikati mill-aġenziji ta' pagamenti, b'karatteristiċi bażiċi komuni u regoli speċjali magħmula apposta għall-ispeċifikazzjonijiet ta' kull sistema ta' għajnuna. Ġeneralment, is-sistemi jipprovdu għal kontrolli amministrattivi eżawrjenti ta' 100 % tal-applikazzjonijiet tal-għajnuna, kontrolli reċiproċi ma' bażijiet ta' dejta oħra fejn dan huwa meqjus xieraq kif ukoll verifiki fuq il-post ta' ħlas minn qabel ta' għadd minimu ta' tranżazzjonijiet, li jiddependu fuq ir-riskju marbut mas-sistema inkwistjoni. Jekk dawn il-verifiki fuq il-post jiżvelaw għadd kbir ta' irregolaritajiet, għandhom jitwettqu verifiki addizzjonali. F'dan il-kuntest, l-aktar sistema importanti hija s-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK), li fis-sena finanzjarja 2010 kienet tkopri madwar 80 % tan-nefqa totali fil-kuntest tal-FAEG u l-FAEŻR. Għall-Istati Membri b'sistemi ta' kontroll li jiffunzjonaw kif xieraq u rati baxxi ta' żbalji, il-Kummissjoni se jkollha s-setgħa li tippermetti tnaqqis fin-numru ta' verifiki fuq il-post.

Il-pakkett għandu wkoll l-għan li l-Istati Membri jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet u l-frodi, li jimponu penalitajiet effettivi, dissważivi u proporzjonati kif stabbilit fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew fil-liġi nazzjonali, u li jirkupraw kwalunkwe pagamenti irregolari flimkien mal-interessi. Jinkludi mekkaniżmu awtomatiku ta' approvazzjoni għall-każijiet ta' irregolarità, li jipprovdi li jekk l-irkupru ma jkunx seħħ fi żmien erba' snin mid-data tat-talba tal-irkupru, jew fi żmien tmien snin f'każ ta' proċedimenti legali, l-ammonti li ma jiġux irkuprati għandhom jitħallsu mill-Istat Membru kkonċernat. Il-mekkaniżmu se jkun inċentiv b'saħħtu għall-Istati Membri biex dawn jirkupraw pagamenti rregolari malajr kemm jista' jkun.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

L-ammonti indikati f'din id-dikjarazzjoni finanzjarja huma espressi fi prezzijiet kurrenti u f'impenji.

Barra minn dan, it-tibdiliet li jirriżultaw mill-proposti leġiżlattivi kif elenkati fit-tabelli mehmużin hawn taħt, il-proposti leġiżlattivi jimplikaw aktar tibdiliet li ma jkollhomx impatt finanzjarju.

F'dan l-istadju, għal kwalunkwe sena mill-perjodu ta' snin bejn l-2014 u l-2020, ma tistax tkun eskluża l-applikazzjoni tad-dixxiplina finanzjarja. Madankollu, dan mhux se jiddependi mill-proposti ta' riforma minnhom infushom, iżda minn fatturi oħra, bħall-użu tal-għajnuniet diretti jew żviluppi futuri fis-swieq agrikoli.

